

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1692**tad-9 ta' Ottubru 2019****dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-reġistrazzjoni u tal-kondiviżjoni tad-data tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill wara l-iskadenza tad-data finali għar-reġistrazzjoni tas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 132 tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi evitat piż żejjed fuq awtoritajiet u persuni fiżiċi jew ġuridiċi minħabba x-xogħol li jirriżulta mir-reġistrazzjoni tas-sustanzi li kienu diġà fis-suq intern meta r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 daħal fis-seħħ, l-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament stabbilixxa reġim tranżizzjonali għas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali. Konsegwentement, ġew stabbiliti diversi skadenzi tranżizzjonali differenti għar-reġistrazzjoni ta' sustanzi bħal dawn. Skont l-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament id-data finali għar-reġistrazzjoni f'dak ir-reġim tranżizzjonali skadiet fl-1 ta' Ġunju 2018.
- (2) Sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn l-operaturi tas-suq li jimmanifatturaw jew li jqiegħdu fis-suq sustanzi ta' introduzzjoni gradwali u dawk li mhumiex ta' introduzzjoni gradwali, jeħtieġ li tiġi speċifikata l-applikabbiltà, wara l-iskadenza tar-reġim tranżizzjonali, tad-dispożizzjonijiet li stabbilixxew kundizzjonijiet favorevoli għar-reġistrazzjoni tas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali. Għalhekk, għal dawk id-dispożizzjonijiet, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu xieraq, raġonevoli u ċar, u mbagħad jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet ma jibqgħux japplikaw jew japplikaw biss f'ċirkostanzi speċifiċi.
- (3) L-Artikolu 3(30) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kalkolu tal-kwantitajiet fis-sena tas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali bbażati fuq il-volumi medi ta' produzzjoni jew ta' importazzjoni għat-tliet snin kalendarji preċedenti. Sabiex jiġi żgurat li l-operaturi tas-suq ikollhom biżżejjed żmien biex jagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa fil-metodi tal-kalkolu tagħhom, jenħtieġ li, bħala l-ewwel miżura, dawk il-kundizzjonijiet jibqgħu japplikaw sad-data tal-iskadenza speċifikata. Sabiex titqies id-definizzjoni ta' "kull sena" fl-Artikolu 3(30) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, huwa xieraq li tiġi stabbilita d-data limitu fi tmiem din is-sena kalendarja (il-31 ta' Diċembru 2019).
- (4) F'konformità mal-intenzjoni tal-leġiżlatur li jitnaqqas l-impatt possibbli tal-obbligi tar-reġistrazzjoni fuq sustanzi ta' volum baxx, l-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jstabbilixxi rekwiżiti ta' informazzjoni inqas stretti għar-reġistrazzjoni ta' ċerti sustanzi ta' introduzzjoni gradwali b'volum baxx, dment li ma jissodisfawx il-kriterji fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Skont l-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament, dawk is-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali b'volum baxx kellhom jiġu rreġistrati sad-data finali għar-reġistrazzjoni fl-1 ta' Ġunju 2018. Madankollu, wara din id-data finali, biex jiġi żgurat it-ttrattament ugwali għar-reġistranti li jingħaqdu ma' reġistrazzjoni jew jaġġornaw id-dossiers tagħhom skont l-Artikolu 12(1)(b), jenħtieġ li dik id-dispożizzjoni, bħala t-tieni miżura, tkompli tapplika wara l-1 ta' Ġunju 2018.

⁽¹⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

- (5) Fl-1 ta' Ġunju 2018, waqaf l-operat formali tal-fora ta' skambju ta' informazzjoni dwar sustanzi (SIEFs). Madankollu, bħala t-tielet miżura, jenħtieġ li jissaħħu l-obbligi tal-kondiviżjoni tad-*data* tar-reġistranti, u jenħtieġ li r-reġistranti jiġu mħeġġa jużaw pjattaformi ta' komunikazzjoni informali simili sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom tar-reġistrazzjoni u tal-kondiviżjoni tad-*data* kontinwi kemm skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 kif ukoll skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/9 ⁽²⁾.
- (6) Bħala r-raba' miżura, huwa xieraq li tiġi stabbilita, li reġistrant potenzjali li jkun irreġistrat minn qabel sustanza ta' introduzzjoni gradwali f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, sad-*data* limitu speċifikata, ma jkunx meħtieġ isegwi l-proċess ta' inkjesta stabbilit fl-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament għaliex l-għan tal-proċess ta' inkjesta diġà jkun ġie ssodisfat permezz tar-reġistrazzjoni minn qabel.
- (7) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-proċessi tat-tilwim dwar il-kondiviżjoni tad-*data* jkunu identifikabbli b'mod ċar. Għalhekk jenħtieġ li r-regoli tal-kondiviżjoni tad-*data* stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jkomplu japplikaw sad-*data* limitu speċifikata. Wara dik id-*data* limitu, jenħtieġ li japplikaw biss ir-regoli tal-kondiviżjoni tad-*data* fl-Artikoli 26 u 27 ta' dak ir-Regolament.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kalkolu tal-kwantitajiet tas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali

Il-metodu speċifiku għall-kalkolu tal-kwantitajiet għal kull sena tas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali, kif stabbilit fl-Artikolu 3(30) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, għandu jibqa' japplika biss sal-31 ta' Diċembru 2019. Ladarba reġistrant ikun lesta r-reġistrazzjoni ta' sustanza, imbagħad dak ir-reġistrant għandu jikkalkula l-kwantità tiegħu ta' dik is-sustanza għal kull sena kalendarja skont l-Artikolu 3(30) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Artikolu 2

Rekwiżiti tar-reġistrazzjoni għal ċerti sustanzi ta' introduzzjoni gradwali b'volum baxx

L-iskadenza tar-reġim tranżizzjonali għas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ma għandhiex taffettwa l-applikabbiltà tal-Artikolu 12(1)(b) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 3

Obbligi tal-kondiviżjoni tad-*data* wara r-reġistrazzjoni

Wara li jirreġistraw sustanza, ir-reġistranti, inklużi dawk li jissottomettu *data* b'mod konġunt ma' reġistranti oħra, għandhom ikompli jissodisfaw l-obbligi tal-kondiviżjoni tad-*data* b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju kif speċifikat fit-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/9. F'dak il-kuntest, ir-reġistranti jistgħu jużaw pjattaformi ta' komunikazzjoni informali simili għall-fora ta' skambju ta' informazzjoni dwar sustanzi msemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Artikolu 4

Dmir li wieħed jistaqsi u l-kondiviżjoni tad-*data* għas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali

1. Meta n-negozjati dwar il-kondiviżjoni tad-*data* li twettqet skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, jirriżultaw f'nuqqas ta' ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Artikolu għandhom japplikaw biss sal-31 ta' Diċembru 2019.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/9 tal-5 ta' Jannar 2016 dwar is-sottomissjoni konġunta ta' *data* u l-kondiviżjoni ta' *data* f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (ĠU L 3, 6.1.2016, p. 41).

2. Wara l-31 ta' Diċembru 2019, ir-reġistrazzjonijiet minn qabel magħmula skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ma għandhomx jibqgħu validi u l-Artikoli 26 u 27 għandhom japplikaw għas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali kollha.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
